MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Numru 218/2008

**Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**Francis Gabriele**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Francis Gabriele ta’ 64 sena, bin il-mejjet Antonio u l-mejta Antonia nee’ Pace, imwieled il-Hamrun nhar id-29 ta’ Frar 1944, residenti fl-indirizz 13, Triq Sant Anna, Qrendi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 225744(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-17 ta’ Marzu 2008 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

a) Ircieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-Ligi; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 298C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

b) Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi, l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Marzu 2008 (esebit *a folio 32* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi

trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-17 ta' Marzu 2008 il-Pulizija rceviet rapport minghand John Mary Cardona fejn dan allega li kien vittma tal-uzura u spjega lil Pulizija li xi sitt snin qabel certu Raymond Martin li kien jafu ghaliex kien xtara id-dar minghandu kien talbu jsellfu Lm100 izda huwa ma setghax isellfu dan l-ammont qabel l-ahhar tax-xahar meta kienet tidhollu l-paga. Huwa qal lil Pulizija li xi ftit tal-hin wara Martin rega' cempillu u qallu li kien hemm terza persuna lesta li sselfu l-ammont in kwistjoni izda din il-persuna, li kien l-imputat, xtaq li jkun hemm xi haddiehor li jaghmel tajjeb ghall-ammont misluf minhabba l-fatt li Martin ma kienx jahdem. John Mary Cardona qal lil Pulizija li huwa kien accetta u kien iltaqa' mal-imputat li kien ghaddielu is-somma ta' Lm100 u qallu li wara xahar kellu jhallsu lura is-somma ta' Lm150. John Mary Cardona jghid li huwa kien ghadda l-ammont ta' Lm100 lil Pulizija u jispjega li wara xahar u ghaxart ijiem huwa mar sabiex ihallas lill-imputat il-Lm150 izda dan qallu li peress li kien ittardja b'ghaxart ijiem l-ammont dovut issa kien ta' Lm450. John Mary Cardona qal lil Pulizija li huwa beda' jhallas lill-imputat pagamenti mensili ta' Lm100 jew Lm200 fix-xahar izda l-ammont dovut lill-imputat dejjem kompla jizdied u wara li gie mhedded mill-imputat u anki qala' daqqa ta' ponn minghandu huwa accetta li jmur ghand Nutar fejn iffirma skrittura u accetta li kien debitur tal-imputat fl-ammont ta' Lm6,000. John Mary Cardona qal lil Pulizija li huwa kien accetta li jiffirma din l-iskrittura ghaliex haseb li b'dan il-mod l-ammont dovut lill-imputat kien ser jigi iffissat fis-somma ta' Lm6,000 u ma kienx ser ikompli jizdied. John Mary Cardona qal li kompla jhallas lill-imputat pagamenti fix-xahar anki jekk gieli kien jonqos fil-pagamenti u jikkalkula li b'kollox hallas lill-imputat is-somma globali ta' madwar Lm15,000. Mill-provi

rrizulta li ghall-habta tas-sena 2005 John Mary Cardona kien diga' ghamel rapport fil-kofronti tal-imputat fejn allega li kien vittma tal-uzura izda meta xehed f'dawn il-proceduri u anki meta rega' kellem lil Pulizija fis-sena 2008 huwa qal li kien irtira r-rapport ghaliex haseb li l-imputat kien ha tbezbiza u kien ser ihallih bil-kwiet. John Mary Cardona qal ukoll li f'Jannar 2008 kien rega' issellef is-somma ta' Lm1,200 minghand l-imputat ghaliex kien ha l-flus mill-kont tal-mara tieghu u minhabba li kien ser ikun hemm il-bdil mill-Lira ghall-Ewro huwa beda' jibza' li martu kienet ser tinduna bil-flus neqsin u kien ikollu hafna nkwiet. John Mary Cardona qal ukoll li l-ammont kompla jizdied ghalkemm huwa baqa' jeffetwa l-pagamenti u kien ghalhekk li ddecida jaghmel rapport lil Pulizija. John Mary Cardona xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2008 fejn ikkonferma dak kollu li kien qal lil Pulizija meta ghamel ir-rapport.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija (esebita a fol. 33 u 34 tal-process) kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tas-6 ta Frar 2009 dejjem cahad li kien qed jezercita xi forma ta' uzura fil-konfronti ta' John Mary Cardona. Huwa sostna li xi snin ilu Raymond Martin kien gablu lil Cardona u qallu li dan ried jissellef is-somma ta' Lm6,000 izda huwa ma kellux dan l-ammont x'jisilfu u Cardona beda' jcempillu persistentement u jitolbu jekk setghax jisilfu dan l-ammont sakemm fl-ahhar huwa dahhal xi flus u accetta li jislef l-ammont lil Cardona izda qallu li xtaq li ssir skrittura quddiem Nutar u fil-fatt dan sar xi gurnata wara li kien ghadda l-ammont ta' Lm6,000 lil Cardona. L-imputat qal li Cardona kien qalllu li kien ser ihallas l-ammont lura fiz-zmien tlett xhur u kien qallu li kellu bzonn il-flus ghaliex kien ser jibda xi negozju ghal rasu. L-imputat sostna li Cardona ma hallsux lura l-ammont misluf u mbaghad beda' jeffetwa pagamenti sporadikament sakemm kien ghad fadallu jhallsu s-somma ta' Lm1200. L-imputat ikkonferma li fl-2005 kien baghat ghalih l-Ispettur Angelo Caruana mis-CID wara li sar rapport minn Cardona izda ma kienux ittiehdu passi fil-konfronti tieghu u Cardona kien obbliga ruhu quddiem l-

Ispettur li jhallsu lura il-bilanc li kien ghadu dovut. L-imputat qal ukoll li f'Jannar 2008 Cardona kien talbu jsellfu s-somma ta' Lm1200 ghaliex qallu li kellu hafna inkwiet mal-mara u qallu li kellu hafna dwejjaq u kien anki qed jahsiibha li jiehu hajtu b'idejh u huwa ghalhekk kien accetta lli jsellfu dan l-ammont. L-imputat qal ukoll li meta sellfu s-somma ta' Lm6,000 Cardona kien qallu li kien ser idahhal somma kbira minn wirt u dan sabiex iserrahlu mohhu dwar l-eventwali pagament.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz minn fejn jirrizulta li hemm zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox konfliggenti, dik ta' John Mary Cardona min-naha l-wahda u dik tal-imputat min-naha l-ohra u ghalhekk il-Qorti trid tara liema miz-zewg verzjonijiet hija l-aktar kredibbli.

Il-Qorti li kellha l-opportunita' tisma' lil John Mary Cardona jixhed fit-tul u viva voce quddiemha ghandha dubji serji dwar il-kredibilta' ta' dan ix-xhud u jidrilha li l-verzjoni tal-fatti minnu moghtija hija pjuttost inverosimili u dan ghar-ragunijiet li ser jigu elenkati hawn taht. Jibda sabiex jinghad li Raymond Martin li xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2008 kif ukoll f'dik tat-3 ta' Ottubru 2008 essenzjalment ikkorobora l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u mhux dik moghtija minn John Mary Cardona. Huwa kkonferma li kien laqqa' lil Cardona mal-imputat sabiex dan tal-ahhar isellef xi flus lil Cardona u qal li kien jaf li saret skrittura privata quddiem Nutar bejn il-partijiet b'riferenza ghall-ammont misluf u qal ukoll li ma jafx ezatt kemm kien l-ammont misluf izda Cardona kien qallu li dan kien madwar Lm4,000 jew Lm5,000 u spjega li meta kien hemm zmien fejn Cardona kien qed jonqos fil-pagamenti l-imputat kien ilmenta mieghu dwar dan il-fatt. Raymond Martin li kien xhud tal-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma qal li huwa kien talab lil Cardona sabex jissellef Lm100 ghan-nom tieghu kif qed jallega l-istess Cardona. Il-Qorti inoltre ssibha difficlli temmen li persuna li tinsab fil-posizzjoni li qed jallega Cardona u cioe' li tisellef is-somma ta' Lm100 u tispicca trid thallas lura Lm6,000 u

tkun qed tigi mhedda mill-persuna lli ssellifha dan l-ammont terga' titlob lill-istess persuna li tkun selfitha l-flus sabiex terga' ssellifha ammont iehor u dan addirittura wara li tkun ghamlet rapport lil Pulizija fil-konfronti ta' din il-persuna ghal uzura. Il-Qorti jidriliha wkoll li r-raguni moghtija minn Cardona il-ghala huwa kien accetta li jiffirma skrittura quddiem Nutar fejn accetta li kien debitur tal-imputat ghas-somma ta' Lm6,000 meta fil-fatt l-ammont misluf skond hu kien biss Lm100 hija ghal kollox inverosimili bhal ma hija inverosimili r-raguni moghtija minn Caruana 'il ghala huwa ghazel li jiritira r-rapport li kien ghamel fil-konfronti tal-imputat fit-2005. Jekk John Mary Cardona verament kien vittma tal-uzura kif qed jallega huwa kellu l-opportunita' sabiex jehles minn din il-problema meta ghamel ir-rapport precedenti quddiem l-Ispettur Angelo Caruana izda ghal xi raguni inspjegabbli huwa jghid li ghazel li jirtira dan ir-rapport.

Il-Qorti jidrilha li jezisiti dubju ragjonevoli li John Mary Cardona effettivament rega' ghamel rapport fil-konfronti tal-imputat ghaliex ried jehles mill-obbligi tieghu lejn l-imputat sabiex ihallas il-bilanc tal-ammont minnu dovut lill-istess imputat u ghalhekk dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputat.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-ewwel(1) akkuza ma gietx pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfronti tal-imputat u huwa sejjer ghalhekk jigi liberat minn din l-akkuza.

In kwantu jirrigwarda t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat fejn huwa qed jigi akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat ammetta li huwa kien qal lil Cardona li jekk ma kienx ser jissarraf ic-cheque li kien ghaddielu kien ikun ahjar li jara fejn ser jistahba izda jghid li kien qallu hekk wara li Cardona kien ilu jghidlu zmien li ser ihallsu u baqa' ma ssaldax l-ammont minnu dovut. Il-Qorti jidrilha li din l-akkuza tirrizulta pruvata kemm minn dak li qal John Mary Cardona kif ukoll minn dak li qal l-istess imputat fl-istqarrija izda l-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn jirrizulta l-imputat agixxa b'dak il-mod minhabba li

kien urtat li ghaddew sitt snin u kien ghadu ma thallasx l-ammont lilu dovut m'ghandhiex timponi piena karcerarja izda ser timponi minflok piena pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikajra lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza u wara li rat l-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' hames mitt ewro (€500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------